ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2010 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ALĠERIJA

tat-3 ta' Awwissu 2010

li temenda l-Artikolu 15(7), tal-Protokoll 6 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

(2010/566/UE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tal-Protokoll 6 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 6 [1] għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra [2] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), jippermetti, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, ir-rifużjoni tad-dazji doganali jew ħlasijiet li għandhom effett ekwivalenti, jew l-eżenzjoni minnhom, sal-31 ta' Diċembru 2009.

(2) Biex tiġi żgurata ċ-ċarezza, il-prevedibbiltà ekonomika fit-tul u ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, il-Partijiet għall-Ftehim qablu li jestendu l-perijodu ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 6 għall-Ftehim bi tliet snin, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

(3) Minbarra dan, ir-rati ta' ħlasijiet doganali attwalment applikabbli fl-Alġerija għandhom jiġu aġġustati sabiex jiġu allineati ma' dawk li japplikaw fl-Unjoni Ewropea.

(4) Il-Protokoll 6 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(5) Billi l-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 6 għall-Ftehim ma jibqax japplika wara l-31 ta' Diċembru 2009, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 15(7) tal-Protokoll 6 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Minkejja l-paragrafu 1, l-Alġerija tista', ħlief għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, tapplika arranġamenti għal rifużjoni ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali jew ħlasijiet li għandhom effett ekwivalenti, applikabbli għal materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' prodotti oriġinarji, soġġett għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandha tinżamm rata ta' 4 % ta' ħlas doganali fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 25 sa 49 u 64 sa 97 tas-Sistema Armonizzata, jew kwalunkwe rata aktar baxxa li tkun fis-seħħ fl-Alġerija;

(b) għandha tinżamm rata ta' 8 % ta' ħlas doganali fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, jew kwalunkwe rata aktar baxxa li tkun fis-seħħ fl-Alġerija.

Dan il-paragrafu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2012 u jista' jiġi rivedut bi qbil komuni.".

[1] ĠU L 297, 15.11.2007, p.3.
[2] ĠU L 265, 10.10.2005, p.2.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija
Il-President
C. ASHTON